MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 944/2003/1

**Anna Bugeja**

**v.**

**Charles Bugeja**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan huwa appell minn sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-2 ta' Marzu 2010 li ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut u pprovdiet dwar il-kura u l-kustodju, l-

likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti, l-assenjazzjoni tal-proprjeta` parafernali u tal-ghoti ta' manteniment lill-attrici.
Ghall-ahjar intendiment, is-sentenza appellata qed tigi riprodotta fl-intier taghha, mnejn jirrizultaw il-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni tal-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha.  Dik is-sentenza tghid hekk:
"**Il-Qorti,**

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Peress illi l-kontendenti zzewwgu (Dok A);

"Peress illi l-hajja konjugali giet resa mpossibli minhabba adulterju, abbandun, mohqrija, sevizzi, vjolenza fizika u morali u ngurji gravi kommessi da parti tal-konvenut u inkompatibilita ta' karattru.

"Peress illi miz-zwieg twieldu erbat itfal li ghadhom minuri cioe Nadesh ta' erbatax-il sena (14), Diane ta' tnax-il sena (12), Brian ta' hdax-il sena (11) u Wayne ta' seba' snin (7) kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B – E).

"Peress li l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Settembru 2003 (Dok F).

"Jghid il-konvenut ghailex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:
"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess u / jew kompatibilita ta' karattru;
"2. Takkorda lill-attrici l-kura u kustodja tat-tfal minuri hawn fuq imsemmija.
"3. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.
"4. Ixxolji l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li

jigu assenjati wahda lill kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.
“5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportune tal-qasma u assenjazzjoni u kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja tal-konvenut f’kaz ta’ bzonn.
“6. Tikkundanna lill-konvenut jirristitwixxi lill-attrici l-propjeta’ kollha taghha parafernali.
“7. Tordna l-izgumbrament tal-konvenut mid-dar matrimonajli Block 2, Flat 4, St John Street, Valletta, essendo illi dan il-fond kif mikri lill-omm l-attrici u sussegwentement il-kirja intirtet mill-attrici ferm qabel iz-zwieg.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:
“1. Illi huwa ma jopponiex ruhu ghas-separazzjoni personali li ghandha tinghata ghall-ragunijiet imputabbli lill-attrici minhabba sevizzi, theddid, mohqrija u ngurji gravi ta’ martu kemm lejn l-eccippjent u kif ukoll lejn it-tfal komuni taghhom.
“2. Illi l-kura u kustodja ta’ l-erbat itfal komuni, li jixtiequ jinstemghaw minn dina l-Onorabbli Qorti, ghandha tigi fdata f’idejn l-missier l-eccipjent;
“3. Illi lanqas jopponi ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu, b’dan pero li qabel xejn l-eccipjent ghandu jiehu l-propjeta’ parafernali tieghu u l-attrici bhala l-hatja tal-firda ghandhom jigu applikati kontra taghha d-dizpozizzjonijiet ta’ l-Artikoli relattivi tal-Kodici Civili fosthom id-dizpozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 u 49 tal-Kodici Civili;
“4. Illi l-appartament numru 4, Block 2, St John Street, Valletta, hija d-dar matrimonjali tal-partijiet u ghandha tigi assenjata lill-eccipjenti sabiex hu jkollu fejn jabita flimkien ma’ uliedu;
“5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

“Rat ir-rapport tal-perit legali, debitament mahluf;[1]

[1] Vol.2 – fol.272 *et seq.*

“Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, l-affidavits prezentati u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“**L-Azzjoni**

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti s-separazzjoni personali minn ma’ zewgha l-konvenut, peress li l-hajja konjugali bejniethom giet reza mpossibbli ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut, fit-termini ta’ l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Min-naha tieghu l-konvenut jeccepixxi li l-htija tal-firda tirrisjedi unikament fuq l-attrici minhabba komportament abbuziv da parti taghha fil-konfront tieghu u ta’ uliedhom komuni, fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq indikat.

“**Separazzjoni Personali**

“Illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta’ JAr 1988, meta allura l-attrici kellha 27 sena u l-konvenut kellu 34 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat-it tfal, Nadesh, Diane, Brian u Wayne, li twieldu rispettivament fis-27 ta’ April 1989, fit-8 ta’ Awwissu 1990, fis-26 ta’ Dicembru 1991 u fis-27 ta’ Dicembru 1995.

“Illi minhabba r-relazzjoni hazina bejn l-attrici min-naha, u l-konvenut u t-tfal min-naha l-ohra, l-attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali fl-4 ta’ Novembru 2004 u marret tghix ghal xi zmien f’ shelter provdut mill-Agenzija Appogg, wara li kaz taghha kien gie ezaminat mid-Domestic Violence Unit fi hdan l-istess agenzija.

“*Verzjoni Attrici – u xhieda ohra*

“Illi l-attrici, kemm fl-affidavit, kif ukoll fid-depozizzjonijiet taghha, tispjega fid-dettal x’ wassalha li tiehu l-pass li hadet u tfittex l-ghajnuna ta’ l-imsemmija agenzija.

“[A] Hi tghid li l-inkwiet matrimonjali beda fis-sena 1990 meta hi kienet tqila bit-tieni tarbija tal-partijiet; u tispjega li zewgha beda jkun aggressiv hafna fil-konfront taghha u ssemmi zewg okkazzjonijiet partikolari, wahda fejn kien heddidha b’ sikkina fost hafna ghajjat u rabja, u l-ohra fejn kien tefaghlha hobza; u tghid li dawn kienu zewg okkazzjonijiet biss, minn hafna ohra li kellha, fejn il-konvenut zewgha kien jintilef fir-rabja u jinfexx fl-ghajjat u theddid fil-konfront taghha. Rizultat ta’ dan, l-attrici tghid “tul dawn is-snin, jien ghext f’ atmosfera ta’ vjolenza psikologika kontinwa.”[2] Tghid li anke lit-tfal kien isawwat bic-cinturin meta kienu ghadhom zghar.

“[B] L-attrici tilmenta wkoll mill-fatt li zewgha kien ihalliha nieqsa mill-flus, nonostante li huwa kellu introjtu tajjeb miz-zewgt ihwienet tal-grocer li kien jiggestixxi, huwa kien ihalliha nieqsa mill-flus, bir-rizultat li kienet issibha difficli biex tlahhaq mal-hajja; u meta kienet tigbidlu l-attenzjoni huwa kien jirrabja u jaghmel xenata.

“[C] L-attrici tilmenta wkoll li meta kienet tikkoreggi lit-tfal, huwa “dejjem jaghmel il-kontra ta’ dak li nkun ghidt jien.”[3] Kien iwaqqa’ l-kelma taghha quddiem it-tfal, u kien jaghti lil dawn hafna rih; b’hekk kien kontinwament u intenzjonalment jimmina l-awtorita’ dixxiplinarja taghha, qua genitur. Rizultat ta’ dan, biz-zmien it-tfal, mhux talli ma baqghux jirrispettaw lil ommhom, imma talli saru arroganti u psataz fil-konfront taghha, kagun ukoll tal-komportament tal-konvenut fil-rigward taghha, quddiem it-tfal.

“In-nuqqas ta’ rispett minn naha ta’ uliedha fil-konfront ta’ ommhom kien u ghadu wega’ kbira ghall-attrici. Din tirrakkonta kif it-tifel iz-zghir “dan l-ahhar qalli ‘ma nnizzlekx’ ”[4]; kif it-tielet wild “qabel ma kont tlaqt mid-dar,

[2] Vol.1 – fol.34
[3] Vol.1 – fol.35
[4] Vol. 1 fol. 35

it-tifel Brian, kien jobzoqli fl-ikel… u li dan u ohtu Diane kienu jitkellmu hazin – dagha fahxi."[5] u kif it-tifel iz-zghir, Wayne' kien hebb ghaliha wara li kienet qed tipprova ggieghlu jaghmel il-homework, u kien ikkagunalha feriti f'wiccha u fi snienha.[6] Mir-rapport tal-Haddiema Socjali Marylene Savona, jirrizulta li "it-tfal zammu diary ta' dak li kien qed jigri fid-dar taghhom, u kif kienet qed tittrattahom ommhom A."[7]

"L-attrici tispjega li, minhabba l-imgieba abbuziva da parti ta' zewgha fil-konfront taghha, u l-fatt li uliedha kollha kienu daru kontra taghha, hija kienet kostretta titlaq mid-dar circa hames darbiet, u marret tghix jew ghand ohtha jew ghand huha, u kienet kull darba taghmel rapport lill-pulizija dwar dan.

"Tispjega li meta naqla' dan l-inwkiet kollu, hi ma kienitx baqghet issajjar u lanqas tahsel il-hwejjeg ghar-ragel. Kienet ukoll tilfet l-interess fid-dar.

"Tghid li matul il-konvivenza matrimonjali, kien hemm zmien meta hi kienet tahdem f' xi granet fil-gimgha bhala *chambermaid* u kienet tohrog mid-dar ghal habta tas-7.00am u ddum sas-2.00pm; meta harget kmieni filghodu, dejjem harget minhabba x-xoghol, u kienet tmur bil-karrozza tal-linja, avolja huma kellhom karrozza.

"Fid-depozizzjoni taghha tal-15 ta' Dicembru 2005, it-tifla Diane, allura tfajla ta' 15-il sena, tghid li "ir-relazzjoni ma' ommi hija xi daqqiet tajba peress li kull tant taghmel xogholha, u ohrajn hazina." Tikkonferma li "z-zijiet ma jghinux lil ommi u lil missieri. Dejjem ommi u missieri hadu hsieb l-affarijiet tad-dar……Gieghli jkolli xi nghid ma' ommi ghax tghidli biex nahsel u ma nkunx irrid."[8]

"It-tifla Nadesh, allura ta' 16-il sena, filwaqt li tikkonferma li hi minn dejjem kienet toqghod man-nA, tghid li "ommi minn dejjem kienet traskurata, u l-hasla kienet taghmilha

---

[5] Vol. 2 fol. 496
[6] Vol. 2 fol. 494 – Rapport Pulizija
[7] Vol. 2 fol. 126
[8] Vol. 2 fol. 568

billi tiehu l-hwejjeg ghand hutha, filwaqt li kient thalli l-ikel fuq il-mejda."

"Illi fir-rapport[9] taghha prezentat fit-8 ta' Novembru 2005, il-Haddiema Socjali Salvina Frendo Cumbo tghid li meta l-attrici ma kienitx baqghet tghix fid-dar matrimonjali, hija xorta wahda kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha biex issajjar u tnaddaf id-dar. Ukoll ikkonfermat, u kkonstatat de vizu, li "it-tfal kellhom agir arroganti lejn ommhom, u fil-laqghat, urewha nuqqas ta' rispett. Avolja l-omm kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha [u gieghli aktar] issajjar u taghmel il-bzonnijiet tad-dar, it-tfal qatt ma' urew rikonoxxenza jew rispett lejn ommhom." Tirrakkonta kif laqa' partikolari "kellha tigi mwaqqfa minhabba li t-tfal tant ghajru lil ommhom, li hassejt li jekk inkompli kien ser issir aktar hsara milli gid. Ta' min jghid li hafna darbi fil-laqghat, l-omm kienet tispicca tikbi. Gieli t-tfal kienu jidhku b'ommhom meta din tibki."

"Il-Haddiema Socjali Doreen Camilleri fix-xhieda[10] taghha tghid li f' Mejju 2003 l-attrici kienet ghamlet rapport ma' l-agenzija ta' vjolenza domestika, fil-konfront tal-konvenut, u dwar il-problema li kellha mat-tfal. Tghid li l-attrici "kienet agitata partikolarment f' Lulju fejn bezghat li r-ragel kien ser jaghmillha xi haga bil-lejl. Marret tghix ghand ommha……L-attitudini taghha kienet ta' persuna mkissra".

"Fir-rapport[11] redatt minnha u minn Pauline Mercieca, ko-ordinatrici fl-Ghabex, fit-22 ta' Frar 2005, ix-xhud tikkonstata li l-attrici "has been observed to be a very responsible and caring woman. Her children's well-being is first on her agenda, and notiwithstanding the children's negative attitude towards her, she still shows concern in the children's education and personal difficulties."

"*Verzjoni Konvenut*
"[1] Il-konvenut jghid li wara z-zwieg "bil-mod il-mod bdejt ninduna li marti A kienet ghazziena u mhux responsabbli.

[9] Vol. 3 fol. 620
[10] Vol. 2 fol. 422
[11] Vol. 2 fol. 556 – Vide ukoll xhieda Pauline Mercieca – fol.555

Ghalkemm huwa kien ikollu jqum kmieni minhabba l-hanut tal-grocer li kien jiggestixxi, ix-xoghol ta' bil-lejl rigwardanti t-tfal, "beda jaqa' kollox fuqi."[12] Jghid li martu kellha l-vizzju tas-sigarretti u kienet *chain-smoker*, u kienet baqghet tpejjep f'kull tqala' bir-rizultat li wahda mit-tfal tbati bl-azma. Jammetti pero' li sas-sena 1999 huwa "kien ipejjep regolarment, izda mbaghad waqaf fuq parir mediku."[13]

"[2] Jghid li t-tifla l-kbira kienet bdiet tiehu hsiebha ommu u din kienet responsabbli minnha wkoll f' kollox; izda c-children's allowance tat-tfal kienet izzommhom l-attrici, u lil ommu ma kienet toffrilha xejn ta' l-ispejjez. Jghid li kull okkazzjoni maghmudija, precett u grizma, kien hareg l-ispejjez hu, filwaqt li martu kienet tiehu r-rigali tat-tfal u zzommhom hi, minghajr ma kienet tati rendikont taghhom.

"[3] Jghid li <u>dak li wassal ghas-separazzjoni</u>, kien il-fatt li martu kienet titlaq mid-dar u tmur torqod ghand hutha; u li "il-peak ta' kollox lahaq"[14] meda nbdew il-proceduri tas-separazzjoni. "Il-babilonja fid-dar zdiedet immensament billi jinholqu ncidenti apposta halli isir ghajjat u gliet bla ebda razan, kemm mat-tfal u kif ukoll mieghi." Jghid li l-argumenti bejniethom fuq it-tfal kienu komuni.[15]

"[4] Jghid li meta l-attrici kienet bdiet tahdem fis-sena 1999 circa "biex tlahhaq ma' xi tlett jobs hija titlaq qabel johorgu t-tfal ghall-iskola ….. [u] meta jaslu t-tfal lura mill-iskola hafna drabi ma jsibu lil hadd id-dar, u tarahom gejjin il-hanut wiehed wara l-ohra."[16]

"Fix-xhieda tieghu[17] il-konvenut jispjega "gurnata tipika" ta' l-attrici: tqajjem lit-tfal u dawn imorru l-iskola. Qabel ma bdiet tahdem, "hi kienet tiehu hsieb il-facendi tad-dar bl-ghajnujna ta' hutha, u wara li t-tfal jigu mill-iskola, tibghathom ghall-hwejjeg ghand hutha. Jghid li, wara li bdiet tahdem, meta t-tfal kienu jmorru d-dar, gieghli kienu

---

[12] Vol. 1 fol. 64
[13] Vol. 1 fol. 316
[14] Vol. 1 fol. 65
[15] Vol. 1 fol. 316
[16] Vol. 1 fol. 66
[17] Vol. 2 fol. 506 – Dep. 28.01.2005

jsibuha rieqda jew mhux hemm. Hi "kienet tiehu hsieb it-tisjir id-dar, u din kienet issajjar filghaxija." Huwa jilmenta mill-fatt li l-ikla principali kienet issir filghaxija, u jghid fl-10.00pm, u ghalhekk it-tfal gieghli kienu jhallu l-ikel fuq il-mejda.

"Izda fix-xhieda tieghu jittanta jispjega r-raguni tad-dizgwid bejn l-attrici u t-tfal billi jghid: "dan [id-dizgiwd] huwa ovvju peress li hi qatt ma taghmel xejn, u qatt ma hadet hsiebhom jew sajjret ghalihom. Minn meta kienu zghar kont naghmel kollox jien."[18] Jghid li "il-mara abbandunatni – hi telqghet hesrem qisu ma gara xejn."; izda wara li telqet kienet cemplet u kelmet lit-tieni tifla, u staqsietha "kif intom."

"[5] Jghid li t-tfal haduha kontra ommhom ghax "xebghaw jaqilghaw tghajjir min ghand ommhom, u hi tghajjarhom anke bid-difetti taghhom."[19] u kien proprju wara ncident li kellha mat-tifel Wayne li hi ddecidiet li titlaq mid-dar matrimonjali.

"[6] Jilmenta mill-fatt li tonfoq flus fil-hala, u li "din hija problema konika taghha."[20]

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi l-Qorti hasset li kellha taghti profil strutturat tal-fatti li rrizultaw mill-provi, ghall-ahjar intendiment tal-gudizzju odjern, stante li ma taqbel xejn mal-konkluzjoni raggjunta mill-perit legali dwar il-htija ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet; ghax, filwaqt li dana jattribwixxi l-htija primarja lill-attrici, u jghid ukoll li din "ghandha responsabbilitajiet kbar ghat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti.", din il-Qorti hi tal-fehema li l-htija ghas-separazzjoni tirrisjedi esklussivament fuq il-konvenut, kemm minhabba l-komportament abuziv tieghu fil-konfront taghha direttament, kif ukoll indirettament, meta din l-imgieba abbuziva kienet issir quddiem it-tfal sakemm dawna eventwalment saru, mhux biss ma jirrispettawx lill-

[18] Vol. 2 fol. 502 – Dep. 14.01.2005
[19] Vol. 1 fol. 66
[20] Vol. 1 fol. 67

attrici, ommhom, imma wkoll kienu arroganti u psataz fil-konfront taghha w insensittivi ghall-wegghat li din ommhom kienet issofri kagun ta' dan il-komportament abbuzziv da parti ta' uliedha.

"Illi il-Qorti hi tal-fehema li, fl-apprezzament taghha tal-provi f'dan ir-rigward, ghandha taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici milli dik moghtija mill-konvenut. Il-Qorti hi sodisfatta li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet soggetta ghall-komportament aggressiv u, almenu f' zewg okkazzjonijiet vjolenti da parti ta' zewgha li, kien jrrabja, jghajjat u jinsolenta lill-attrici meta dina ma taghmilx dak li ried hu, jew tonqos milli taghmel dak li hu jidhirlu li kellu jsir. Dan il-komportament abitwali u ripetut da parti tieghu fil-konfront ta' martu wassal sabiex l-ulied tal-partijiet, jiehdu l-parti ta' missierhom li min-naha tieghu kien jghajjar u jmaqdar lill-attrici, u kien iwaqqalha l-kelma taghha u jumiljaha quddiem it-tfal, bir-rizultat li dawn daru kontra ommhom b'mod verament impressjonanti ghall-ahhar ghal din il-Qorti.

"Il-Qorti tosserva li l-imgieba hazina tat-tfal fil-konfront taghha, kif rakkontata mill-attrici, kif konfermata anke mill-konvenut, u kif korroborata mill-Haddiema Socjali Salvina Frendo Cumbo, zgur mhix dovuta, kif jipprova jiggustifika l-konvenut, ghall-fatt li l-attrici kienet issajjar tard filghaxija, jew ma kienitx tkun id-dar, ghax tkun ghada ma gietx mix-xoghol, meta dawn kienu jaslu mill-iskola; izda huwa rizultat ta' tixwix kontinwu u komportament abuzziv da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu, bil-ghan li dawn iduru kontra ommhom. Fil-fatt irnexxilu; u rizultat ta' dan, u rizultat ta' din il-vjolenza psikologika kontinwa da parti ta' zewgha, l-attrici tant sofriet fil-hajja matrimonjali li ghal hames darbiet hija kienet marret torqod ghand hutha biex tehles, ghal ftit, minn dik is-sitwazzjoni, sakemm eventwalment, hija telqet id-dar defenittivament fl-4 ta' Novembru 2004, u cioe' <u>fil-mori</u> tal-proceduri odjerni. Hija sinifikanti d-deskrizzjoni li taghti l-Haddiema Socjali Doreen Camilleri ta' l-attrici meta dina rreferiet lilha nnifisha lil Agenzija Appogg ghall-ghajnuna. Din ix-xhud

tiddeskriva lill-attrici dak in-nhar bhala mara b’ attitudini ta’ “persuna mkissra”.

“Ghalkemm il-konvenut jghid li hu ma kienx jitkellem mat-tfal kontra ommhom, il-Qorti ma temmnux, u tosserva li tfal minuri ma jasslux li jkunu daqshekk arroganti u juru mankanza kbira ta’ rispett lejn ommhom, jekk mhux ghax moghtija r-rih minn missierhom li min-naha tieghu kellu u ghandu l-obbligu li jrazzan kull manifestazzjoni ta’ arroganza, zghira kemm hi zghira, fuq uliedu, partikolarment meta din tkun diretta kontra l-attrici, kemm bhala konjugi tieghu, kif ukoll bhala omm it-tfal.

“Izda, nonostante din il-vjolenza psikologika li sofriet ghal certu tul ta’ zmien matul il-hajja mizzewwga, u nonostante li din kienet telqet mid-dar, l-attrici xorta wahda kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha biex issajjar u taghmel il-facendi tad-dar.  Hija xorta baqghet f’ kuntatt mat-tfal u tiehu nteress fl-edukazzjoni u fil-hajja taghhom, tant li biz-zmien ir-relazzjoni taghha maghhom bdiet titjeb.  Altru, milli “abbandunatni” u il-familja, kif jghid il-konvenut! Altru milli “ghazziena u rresponsabbli” kif ipingiha il-konvenut!

“Il-konvenut stess jghid li l-argumenti bejniethom fuq it-tfal kienu komuni.  Dan jghati konfort lill-fatt li l-attrici kien jinteressa sew minn uliedha, tant li kienet targumenta ma’ zewgha fuqhom; u jghati konfort ukoll lill-fatt allegat mill-attrici, u sostnut mill-provi, li zewgha kien jimmina d-dixxiplina taghha fuq it-tfal, bir-rizultat li dawn ma baqghux jirrispettaw lil ommhom.

“Il-Qorti tosserva ulterjorment illi, filwaqt li l-verzjoni ta’ l-attrici tinsab korroborata minn membri tal-familja taghha,u anke tal-Haddiema Socjali li kienu gew f’ kuntatt maghha, dik tal-konvenut, mhijex korroborata, u hija nkonsistenti, u anke nverosimili.

“Il-verzjoni tal-konvenut hija nkonsistenti, ghax filwaqt li f’ parti mix-xhieda tieghu huwa jilmenta li martu “ghazziena u mhux responsabbli” u “qatt ma taghmel xejn, u qatt ma hadet hsieb jew sajjret [ghat-tfal]”, f’parti ohra, fejn jiddeskrivi gurnata tipika ta’ martu, jghid li hi kienet

issajjar, ghalkemm filghaxija, u tiehu hsieb il-facendi tad-dar.

“Il-verzjoni tal-konvenut hija sforz imqanzah biex jipprova jiggustifika l-agir tieghu:

“[1] Huwa jilmenta li martu hija *chain-smoker*, meta hu stess ammetta li tul hdax [11]-il sena matul il-konvivenza huwa kien ipejjep “regolarment”.  Forsi ma rrealizzax li dan il-vizzju ta’ martu seta’ aggrava wkoll bit-tensjoni li hu kien johloq id-dar.

“[2] Huwa jilmenta li martu abbandunat lilu u l-familja meta telqet mid-dar.  Forsi fl-insensittivita’ tieghu fil-konfront ta’ l-attrici martu, ma rrealizzax li din telqet ghax kienet mara mkissra d-dar, minhabba l-komportament abuziv tieghu u ta’ uliedhom fil-konfront taghha: fatt assodat fil-provi.

“[3] Huwa jilmenta mill-fatt li l-attrici kienet tonfoq il-flus fil-hela, u jsemmi bhala ezempju l-fatt li “Issa holqot haga ohra”[21] qed iggib hairdresser id-dar kull nhar ta’ Sibt kemm ghaliha, kif ukoll ghaz-zewgt ibniet taghhom.  Dak li forsi qed jinsa hawnhekk il-konvenut huwa l-fatt li mis-sena 1999 martu kienet marret tahdem, u kellha wkoll tlett jobs li minhabba f’ hekk hija kienet tohrog mid-dar kmienu u tigi lura ghas-2.00 pm, u ghalhekk kellha wkoll flus li kienet tippercepixxi hi bix-xoghol taghha; u ghalhekk bid-dritt li parti mill-qligh taghha tuzah kif jidhrilha hi ghal beneficju taghha u taz-zewg uliedha bniet.

“Jigi osservat ukoll li, filwaqt li l-konvenut jiddeskrivi lil martu bhala mara ghazziena, fl-istess affidavit jghid li “bil-flus li dahhlet u qed iddahhal imissa timxi fuq il-flus.” mix-xoghol li kienet taghmel barra d-dar.[22]

“[4] Jilmenta wkoll mill-fatt li l-attrici kienet tghajjar lit-tfal u lilu bid-difetti taghhom.  Forsi l-konvenut ma ndunax li l-agir abbuziv tieghu u eventwalment ta’ uliedhom fil-konfront ta’ l-attrici kien wassal lill-attrici biex tirreagixxi

[21] Vol. 1 fol. 67 Aff. Maghmul 23.03.2004
[22] Vol. 1 fol. 67

b'dan il-mod, ghax kienet tkun imwegga' mill-komportament abuzziv taghhom, partikolarment ta' uliedha.

"Illi dwar l-attrici, l-Qorti tosserva li din kellha n-nuqqasijiet taghha, izda dawn ma jinkwadrawx fit-termini ta' l-artikolu 40 addebitat lilha mill-konvenut. Ma kienx il-komportament taghha li rrenda mpossibbli l-konvivenza matrimonjali, tant hu hekk li meta l-konvenut tkellem mal-Haddiema Socjali Salvina Frendo Cumbo fis-sena 2004 huwa kien stqarr li mar riedx jissepara[23], imma kien il-komportament abbuziv tieghu, li rrenda l-konvivenza matrimonjali, insapportabbli ghall-attrici. Min kien komdu fil-konvivenza ma riedx il-bidla; imma min kien qed ibati, u ghal tul taz-zmien, kien kostrett li jistitwixxi dawn il-proceduri biex jigi ezentat mill-obbligu tal-konvivenza fiz-zwieg.

"Il-komportament tal-konvenut, kif fuq spjegat, u l-effett tieghu fuq l-attrici martu, jinkwadra fit-termini 'sevizzi' skont l-artikolu precitat fil-forma ta' vjolenza psikologika kontinwa li eventwalment spicca biex kisser lill-attrici.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali bi hitja tal-konvenut hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

"**Kura u Kustodja**

"Illi llum it-tifel Wayne biss ghadu minorenni, stante li dan twieled fis-27 ta' Dicembru 1995; it-tlett-it tfal l-ohra huma maggjorenni.

"Illi dan il-minuri ghandu jibqa' jghixu mal-missier, bl-access liberu favur l-omm; ghalkemm mhux qed jigi negat lill-partijiet li jifthemu mod iehor fl-interess tal-minuri.

"Izda tenut kont ta' l-interess qawwi li l-omm uriet fl-ulied, nonostante l-komportament negattiv ta' dawn fil-konfront

[23] Vol. 1 fol. 126

taghha, il-Qorti tikkunsidera opportun li l-kura u kustodja tibqa' kongunta bejn iz-zewg genituri, b'mod li decizjonijiet importanti rigwardanti l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri ghandhom jitthiehdu flimkien.

"**Manteniment**

"In propozitu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet fattwali:
[1] Illi l-konvenut jiggestixxi negozju ta' grocer mill-hanut 105/106 Republic Street, Valletta, konsistenti f'zewg t'ihwienet amalgamati; u mid-dokumenti prezentati minn jidher li dan ghandu qligh nett annwali ta' circa €10,482.18 [LM4,500]. Huwa ghadu jiggestixxi dan in-negozju, u ghandu t-tfal jghixu mieghu.

"[2] Illi l-attrici kienet ghamlet zmien twil tahdem matul il-konvivenza, u anke wara, u ghalhekk kapaci tiggenera ntrojtu; u, ghalkemm, fix-xhieda aktar ricenti taghha tghid li hija mhjiex qeda tahdem fil-prezent minhabba kondizzjoni medika, hi ma gabitx provi sodisfacenti dwar dan, u cioe' li ma tistax taghmel xoghol bi qligh.

"[3] Illi l-konvenut bhala l-parti hatja tas-separazzjoni ghandu jhallas manteniment lill-attrici li, min-naha taghha, pero' tenut kont tal-fatt li ssa qed tigi ezentata mill-obbligu li tghix mal-konvenut, hija wkoll ghandha d-dmir li tahdem u tiggenera ntrojtu.

"Ghaldaqstant, u tenut kont tal-fatt li l-konvenut huwa l-parti hatja ghas-separazzjoni, u tenut kont tac-cirkostanzi prezenti tal-partijiet, il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici kull xahar is-somma ta' mija, sitta u tmenin ewro u hamsa u tlettin ewro centezmu (€186.35)[LM80] bhala manteniment ghaliha, bil-quddiem, fl-ewwel ta' kull xahar, u li tizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-Gvern.

"Min-naha tieghu l-konvenut huwa obbligat ikompli jiehu hsieb hu l-bzonnijiet kollha tat-tifel minuri; anke jekk dan ikun qed jghix ma' l-omm ghal xi zmien, izda f'dan l-ahhar kaz, il-konvenut qed ikun ordnat li jhallas lill-attrici is-

somma ulterjuri ta’ erbgha u tlettin ewro u erbgha u disghin ewro centezmu (€34.94) [LM15], fil-gimgha, ghall-bzonnijiet alimentari biss tal-minuri Wayne, sakemm dan idum jirrisjedi ma’ l-omm jew jsir maggjorenni.

“Inoltre, tenut kont tal-fatt li l-avvjament tal-hanut li jiggestixxi l-konvenut, ma giex valutat, u tenut kont tal-fatt li dan l-avvjament ghandu valur ekonomiku u jifforma parti mill-assi tal-kommunjoni, u ghalhekk nofs il-valur tieghu huwa ta’ l-attrici, il-Qorti qed tassenja lill-konvenut s-sehem taghha mill-avvjament tal-hanut gestit mill-konvenut, ghas-saldu ta’ l-obbligu taghha li tikkontribwixxi finanzjarjament ghal-manteniment, ta’ l-ulied minuri, arretrat u futur.

“Fis-sens premess qed jigi wkoll deciz ir-rikors prezentat mill-attrici fit-30 ta’ Ottubru 2009.

“**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti**

“Illi l-assi tal-kommunjoni ta’ l-akkwistu jikkonsistu fis-segwenti:
“[1] Il-hanut 105/106 Republic Street, Valletta; valutat mill-esperti teknici fl-ammont ta’ mija wiehed u ghoxrin elf, mija sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin ewro centezmu (€121,127.42) [LM52,000];
“[3] Garage sitwat f’Old Hospital Street, Valletta;
“[4] Il-vetturi Daihatsu, zewg vannijiet uzati ghax-xoghol tal-hanut, u vettura Mercedes;
“[5] Ghamara u effetti mobbli fid-dar, deskritti biss bhala: l-kamra tas-sodda, il-kamra tas-sodda tat-tfal, is-salott u appliances.

“*Assenjazzjoni*

“Il-Qorti tordna li l-assi tal-kommunjoni jigu assenjati bil-mod segwenti:
Illi sehem l-attrici mill-**hanut** 105/106 Republic Street, Valletta, liema fond ghandu l-valur ta’ mija wiehed u ghoxrin elf, mija sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u erbghin ewro centezmu (€121,127.42) [LM52,000], kif ukoll sehemha mill-avvjament ta’ l-istess hanut, jigi assenjat lill-

konvenut biex b' hekk dan ikollu l-proprjeta' intiera ta' l-imsemmi fond jew fondi. Minn naha tieghu l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs il-valur ta' l-imsemmi fond, cioe' sittin elf, hames mija u tlieta u sittin ewro u wiehed u sebghin ewro centezmu (€60,563.71)[LM26,000] nieqes nofs il-bilanc dovut illum tal-loan bankarja mehuda fuq ix-xiri ta' l-imsemmi fond.

"Illi l-**garage** f'Old Hospital Street, Valletta [li ma giex provat li jikkostitwixxi proprjeta' parafernali ta' xi parti], ghandu jigi stmat mill-perit Mario Cassar li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, u r-rikavat jinqasam bejn iz-zewg partijiet b'mod ugwali, wara li mill-istess rikavat jithallsu d-djun li talvolta jaggravaw dan il-fond.

"Il-Qorti qed tassenja lill-konvenut sehem l-attrici miz-zewg **vannijiet** uzati minnu fin-negozju, u l-vettura Mercedes, b'mod li dawn jigu jippartjenu lill-istess konvenut fl-intier taghhom. Minn naha l-ohra, il-Qorti qed tassenja sehem il-konvenut mill-vettura Daihatsu lill-attrici b' mod li din il-vettura tkun tappartjeni lilha fl-intier taghha, u wkoll, in linea ta' ekwiparazzjoni, il-konvenut ghandu jghaddi lill-attrici s-somma komplessiva ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tlettin ewro centezmu (€2,329.37) [LM1,000] fissata arbitrio boni viri; inoltre, kull dejn ezistenti fuq dawn il-vetturi u wkoll fuq in-negozju [mhux fuq il-hanut] gestit mill-konvenut qed jigi addossat fuqu fl-intier tieghu.

"Illi l-**ghamara tad-dar** u l-appliances u effetti mobbli ohra ghandhom jigu stmati u, wara sena millum, ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet, b' mod kemm jista' jkun ugwali.

"*Krediti parafernali pretizi mill-konvenut*

"Il-konvenut jghid li huwa ghamel diversi spejjez qabel iz-zwieg biex arredixxa l-appartment li serva bhala d-dar konjugali ghal circa 22 sena, u cioe' mill-bidu taz-zwieg. Jghid ukoll li missieru kien tah xi ammonti ta' flus, anke biex jghinu fl-akkwist tal-hanut. In propozitu l-Qorti tosserva li hu ma gabx provi sodisfacenti, u ghalhekk

dawn il-pretensjonijiet tal-konvenut qed jigu kkunsidrati bhala nfondati.

"*Il-Fond Konjugali – Blokk 2 Flat 4 go St.John's Street Valletta*. Mill-provi jirrizulta car li dan il-fond qed jigi mizmum mill-partijiet b'kirja minghand il-Gvern li hija parafernali ta' l-attrici; ghalhekk il-konvenut ma' jista' jkollu ebda pretensjoni valida biex ikompli jokkupa dan il-post; izda din il-Qorti qed tikkoncedi lill-istess konvenut jibqa' jrrisjedi fl-istess fond flimkien ma' ulied il-partijiet ghal zmien sitt xhur millum, wara liema perijodu huwa ghandu jallontana ruhu mill-imsemmi fond li l-kera tieghu ghandha tibqa' fuq l-attrici.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:
"[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;
"[2] tilqa' t-tieni talba, limitatament fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
"[3] tichad ir-raba' talba;
"[4] tilqa' l-hames talba, u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti, u li din tigi likwidata u assenjata fit-termini fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti.';
"[5] tichad il-hames talba, stante li hi superfluwa;
"[6] tilqa' is-sitt talba fit-termini fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti.'
"[7] tilqa' s-seba' talba, u tordna li l-konvenut jivvaka l-fond Blokk 2 Flat 4 St.John's Street, Valletta fi zmien sitt xhur millum.

"L-ispejjez kollha, ghandhom ikunu a kariku tal-konvenut, hlief dawk relatati mal-hames talba, li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attrici."

**Rikors tal-appell tal-konvenut**

Illi l-konvenut hassu aggravat bis-sentenza sudetta u interpona minnha appell fuq is-segwenti aggravji:-

1. Illi kienet l-attrici responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u mhux hu u dan minhabba nuqqas ta’ responsabbilita` u traskuragni li hi uriet ghad-doveri matrimonjali taghha.

2. L-appellant jilmenta mill-pjan ta’ qasma adottat mill-ewwel Qorti. Hu jghid li hi zbaljat meta ordnat il-bejgh tal-garage numru 74, Old Hospital Street, Valletta, stante li kkunsidratu bhala separat mill-fond 105 u 106, Triq ir-Repubblika, Valletta mentri fil-fatt dawn huma ntegrati ma’ xulxin u jifformaw hanut wiehed. Inoltre huwa jippretendi li jigi assenjat il-hanut kollu li hu jiggestixxi minghajr ma jkollu ghalfejn ihallas lill-attrici nofs il-prezz stante li hi hatja tal-firda.

Il-konvenut jilmenta wkoll mill-assenjazzjoni tal-vetturi stante li ma saret l-ebda prova li dawn il-vetturi huma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u li llum-il gurnata wahda minnhom tinsab skreppjata. Fir-rigward tal-ghamara tad-dar u l-*appliances* huwa jghid li dawn kienu kollha mixtrija minnu qabel iz-zwieg u ghalhekk huma parafernali u mhux kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

3. L-appellant qed jippretendi li jinghata lura s-somma ta’ Lm10,000 li huwa hareg biex xtara l-ghamara tad-dar kollha u biex irranga l-istess dar, oltre somma ta’ Lm800 li kien tah missieru biex xtara il-hanut gestit minnu waqt iz-zwieg.

Fir-rigward tad-dar matrimonjali, huwa jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma tat l-ebda kunsiderazzjoni ghall-fatt li kienet l-attrici li abbandunat id-dar u li jekk se jigi zgumbrat se jkollu “hardship” enormi tenut kont tal-fatt li ghandu ’l uliedu jghixu mieghu.

4. L-appellant jilmenta wkoll mill-ghoti tas-somma ta’ €186.35 fix-xahar lill-attrici bhala manteniment u dan stante li dan ma giex mitlub mill-istess attrici fic-citazzjoni ghalhekk il-Qorti kienet proceduralment skorretta meta ddecidiet fuq talba li kienet inezistenti. Jghid ukoll li, bla pregudizzju ghal dan, l-attrici tahdem u ghalhekk m’ghandux ghalfejn jissoministralha manteniment.

Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka d-digriet appellat tat-2 ta' Marzu 2010 u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha inkwantu cahdet it-tielet talba, u laqghet ir-raba' talba limitatament li giet dikjarata xjolta l-kommunjoni tal-akkwisti u cahdet il-hames talba, tichad ukoll it-talbiet attrici kollha u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet u l-aggravju tal-appellant bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellata.

**Ir-risposta tal-attrici**

L-attrici wiegbet li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

1. L-attrici rrispondiet l-aggravji tal-konvenut billi ssottomettiet illi mill-provi jirrizulta illi kien l-agir abbuziv tal-konvenut li sfaxxa r-relazzjoni ta' bejniethom u r-relazzjoni taghha mat-tfal li ma baqghux jirrispettawha. Hija tichad li qatt ittraskurat it-tfal, u dan sahansitra anke meta telqet mid-dar ghaliex tghid li xorta wahda kienet tmur regolarment biex issajjar u tnaddaf id-dar.

2. L-appellata qablet illi l-garage bin-numru 74, Old Hospital Street, Valletta jifforma parti mill-hanut li gie stmat mill-periti teknici fil-kawza. Madankollu tilmenta li ma nghata l-ebda valur ghall-avvjament tan-negozju gestit mill-konvenut u ghalhekk hi qed tippretendi xi forma ta' kumpens jekk l-aggravju tal-konvenut f'dan is-sens jigi milqugh.

Fir-rigward tal-assenjazzjoni tal-vetturi hija tghid li l-konvenut ma ressaq l-ebda provi li dawn mhumiex parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u lanqas illi xi vettura giet skrappjata. Lanqas il-pretensjoni tal-konvenut li l-ghamara u l-effett mobbli kollha ma jiffurmawx parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ma giet ippruvata minnu.

3. Fir-rigward tal-aggravju li l-appellant nefaq xi flus fuq id-dar matrimonjali, l-attrici tissottometti li hu ma gab l-ebda prova f'dan r-rigward. Fir-rigward tal-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali lilha, l-attrici tghid li d-dar kienet

mikrija lill-genituri taghha u li hija wirtet il-kirja; inoltre ssemmi li hi kienet gustifikata tabbanduna d-dar ghalhekk il-konvenut issa ma jistax jippretendi li hija tirrinunzja ghall-pretensjoni parafernali taghha fuq l-istess dar biex huwa ma jsofrix *hardship*.

4. Fir-rigward tal-aggravju dwar il-manteniment l-attrici tghid li t-talba ghall-manteniment ma gietx inkluza bi zvista u pprezentat rikors kontestwalment fejn talbet emenda fit-talbiet tac-citazzjoni f'dan is-sens. Hi ssottomettiet illi fil-mori tal-proceduri, il-kontestazzjoni tal-manteniment kienet wahda akkanita da parti tal-konvenut u hu qatt ma ssolleva l-fatt li ma kinitx saret talba *ad hoc* fic-citazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Illi l-appellant ressaq erba' aggravji li din il-Qorti sejra issa tikkonsidra.

<u>Ir-Responsabbilita`</u>

Illi l-appellant jillmenta illi s-sentenza appellata ma kinitx taghmel gustizzja mieghu f'dan ir-rigward billi t-tifrik taz-zwieg kien minhabba, fost ohrajn, in-nuqqas ta' responsabbilta` u traskuragni li l–attrici wriet ghad-doveri matrimonjali taghha fir-rigward ta' xoghol tad-dar u t-trobbija tal-ulied. L-appellata tichad kategorikament li dan hu l-kaz. Hija tattribwixxi t-tifrik taz-zwieg ghall-agir abbuziv tal-appellant.

F'dan il-kaz iz-zewg partijiet qed jattribwixxu tortijiet reciproci u din il-Qorti trid terga' tanalizza oggettivament il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti biex tara jekk fuq dawk il-provi hi setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

Illi l-attrici pproduciet lil hutha Connie Spiteri u Pia Grima li lkoll xehdu dwar il-mod abbuziv kif kien jagixxi maghha l-appellant. Apparti din ix-xiehda u x-xiehda tal-istess attrici, terzi bhal Marlyn Savona, Salvina Frendo, Pauline Mercieca u Doreen Camilleri ilkoll mill-Agenzija Appogg, jikkonfermaw li l-appellata kienet ghaddiet minn abbuz

emozzjonali pero` b'dan kollu baqghet tinteressa ruhha fit-tfal li pero`, min-naha taghhom, ma tantx kellhom relazzjoni tajba maghha. Difatti meta Salvina Frendo Cumbo[24], *Family Therapist* fi hdan l-Agenzija Appogg, kienet qed tipprova tavvicina lit-tfal lejn ommhom hi tghid li l-istess tfal kellhom agir arroganti fil-konfront tal-omm u fil-laqghat urewha nuqqas ta' rispett, tant li meta l-omm kienet tispicca tibki huma gieli kienu jidhku biha.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-appellata kienet interessata fl-edukazzjoni tat-tfal u tesigi certa dixxiplina fejn jidhol *homework* u komportament tat-tfal, liema dixxiplina kienet tisfaxxa peress li qatt ma sabet sostenn mill-appellant fir-rigward. Illi ghalhekk jista' jkun li t-tfal kien joghgobhom izjed l-istil ta' hajja li kien jippermettilhom missierhom, li wassal ghal dizrispett kbir fil-konfront tal-appellata. Izda da parti taghha jidher li hi qatt ma qatghet qalbha li xi darba r-relazzjoni taghha maghhom tista' titjieb anke bl-ghajnuna ta' esperti f'dan il-qasam.

Illi din il-Qorti tifhem li jista' jkun li, f'ghajnejn l-appellant, l-appellata kienet tidher li qed tonqos fil-konfront ta' uliedha stante li kienet tahdem u forsi mhux dejjem sabu dak kollu li xtaqu fil-hin li riedu. Izda b'daqshekk ma jfissirx illi hija kienet xi mara ghazziena kif ipingiha l-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, ma kinux in-nuqqasijiet tal-appellata li farrku z-zwieg[25], imma l-abbuz sistematiku, u xi drabi anke vjolenti, tal-appellant fuq l-appellata, liema komportament sab l-alleanza tat-tfal li maz-zmien daru kontra l-appellata.

Illi kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Doris Mizzi v. Mario Mizzi**, deciza fid-19 ta' Mejju 2000: *"din il- Qorti filwaqt li tqis li kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabilta` fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommettih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' imbaghad ikun fattur determinanti biex ir-responsabilita` tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta*

[24] A fol 622.
[25] L-ewwel Qorti osservat li l-attrici kellha n-nuqqasijiet taghha, izda dawn ma kienux jinkwadraw fit-termini tal-artikolu 40 addebitat mill-konvenut.

*l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."*

Illi minn ezami bir-reqqa li din il-Qorti ghamlet tal-provi prodotti ma tistax tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).

Illi ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Kommunjoni tal-Akkwisti

Illi l-appellant hassu wkoll aggravat bil-mod kif l-ewwel Qorti ghamlet il-qasma tal-gid tal-kommunjoni u dan billi skont l-appellant il-Qorti indikat il-*garage* numru 74, Old Hospital Street, Valletta bhala fond separat mill-fondi 105 u 106, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Illi mill-kuntratt ta' akkwist esebit bhala Dok. CB1 a fol. 607 jirrizulta li dak li llum qieghed jintuza bhala *grocer* mill-appellant jikkonsisti fi **tlett ambjenti** li huma mghaqqda ma' xulxin u li lkoll gew akkwistati permezz tal-istess kuntratt. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghar-relazzjoni tal-Perit Tekniku David Pace[26] u hija tal-fehma li fuq dan il-punt l-appellant ghandu ragun ghaliex meta l-istess Perit ghamel l-istima tieghu din l-istima kienet tirreferi ghat-tlett ambjenti f'daqqa u mhux biss ghall-fond 105 u 106, Triq ir-Repubblika, Valletta. L-istess appellata taqbel li dan huwa l-kaz. Fir-risposta taghha hija tghid "*Fil-fatt huwa minnu illi dan il-garage jifforma parti mill-ambjenti tal-hanut tal-haxix u li ghalhekk gie nkluz fl-istima tal-periti".*

L-appellata madankollu tilmenta illi l-valur moghti lil dan il-hanut huwa biss valur immobbiljari u ma jinkludix fih il-valur tal-avvjament. Hi tissottometti li l-ewwel Qorti kien messha akkordat xi tip ta' kumpens fi flus ghall-avvjament anke jekk l-ewwel Qorti paciet dan il-kumpens mal-helsien mill-obbligu ta' manteniment lejn l-minuri. Illi pero` din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dan l-ilment tal-

[26] A fol. 250 para.03.

appellata billi hi m’ghamlet ebda appell incidentali f’dan ir-rigward.

Illi l-appellant ihossu aggravat ukoll bil-fatt illi l-ewwel Qorti ordnat li huwa jhallas lill-attrici s-somma ta’ Lm26,000[27] nieqes nofs il-bilanc dovut sa dakinhar tas-sentenza tal-*loan* bankarja mehuda fuq ix-xiri tal-imsemmi fond bhala sehmha mill-hanut gestit minnu.

Illi fir-rigward ta’ dan il-hanut jirrizulta illi s-self mehud originarjament kien ta’ Lm10,600. L-appellant jissottometti li llum-il gurnata dan is-self huwa mhallas, liema affermazzjoni ma gietx michuda mill-appellata. Inoltre jippretendi li huwa m’ghandu jaghti l-ebda somma lill-attrici stante li hi responsabbli ghall-firda. Illi kif diga` intqal pero` aktar ’il fuq, din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-attrici hija hatja tas-separazzjoni tal-partijiet u ghalhekk ma tarax li hu l-kaz li l-attrici ghandha tiddekadi minn sehmha f’dan ir-rigward.

Illi jidher li s-self thallas biss mill-appellant ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi nofs il-pagamenti fuq dan is-self ghandhom jitnaqqsu mill-ammont li l-appellant ghandu jaghti lill-attrici bhala sehmha mill-hanut *de quo*. Stante li din il-Qorti m’ghandhiex prova kemm attwalment thallas kapital u imghaxijiet ghal dan is-self, il-Qorti se toqghod fuq is-somma mislufa originarjament u cioe` dik ta’ Lm10,600. Ghalhekk l-appellant ghandu jaghti lill-appellata s-somma ta’ Lm26,000 tnaqqas Lm2650 (nofs Lm5300) bhala sehemha mill-hanut in kwistjoni. In vista li aktar ’il quddiem se jigi deciz illi l-appellant ghandu kreditu parafernali ta’ Lm10,000[28] din il-Qorti jidhrilha li jkun ghaqli li din is-somma tigi pacuta mas-somma li l-appellant ghandu jaghti lill-appellata. Ghaldaqstant l-ammont dovut lill-appellata mill-appellant wara li jigi pacut il-kreditu parafernali tieghu huwa ta’ Lm13,350 ossija <u>**€31,097.14**</u>.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi milqugh *in parte*.

---

[27] Il-Periti Addizzjonali stmaw il-fond kollu Lm52,000 minghajr l-avvjament.
[28] Ara fol 317.

Illi l-appellant ihossu aggravat ukoll bl-assenjazzjoni tal-vetturi tal-marka Dahaitsu, Mercedes u zewg vannijiet peress li skont hu, ma saret l-ebda prova li dawn huma parti mill-kommunjoni tal-akkwisti.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda ta' Brian Farrugia[29], rapprezentant tad-Dipartiment tal-Licenzji, li xehed li l-appellant kellu tlett vetturi registrati fuq ismu u cioe`:-

1. Van tal-ghamla Mercedes Benz Van registrat fil-15 ta' Frar 1994
2. Truck tal-ghamla Mazda registrat fis-6 ta' Dicembru 1983
3. Vettura tal-ghamla Daihatsu Cuore registrata fid-9 ta' Awwissu 2000.

Illi jirrizulta illi l-partijiet izzewwgu fit-30 ta' Jannar 1988 u ghalhekk huma biss zewg vetturi u cioe` **il-van Mercedes u d-Daihatsu** li jiffurmaw parti mill-kommunjoni tal-akkwisti. Fir-rigward tal-**vettura Mercedes** ma ngabet l-ebda prova li din tghajjat lil xi wiehed jew wahda mill-partijiet. Fil-fatt l-appellant jghid li din kienet ta' missieru u li meta miet l-istess, ghaddiet fuq isem ommu.

Illi ghalhekk l-appellant ghandu parzjalment ragun jillmenta mill-assenjazzjoni tal-vetturi kif maghmula mill-ewwel Qorti. Essenzjalment hemm biss zewg vetturi li nxtraw waqt iz-zwieg. Skont l-istess appellant il-vettura Daihatsu llum hija skreppjata u li l-van Mercedes illum huwa bla valur.

Illi in vista tan-natura tax-xoghol tal-appellant u l-fatt li t-tifel minuri Wayne Bugeja se jibqa' jghix mieghu, din il-Qorti qeghda tassenja l-van Mercedes lill-appellant.

Illi jekk il-**vettura Daihatsu** ghadha tezisti allura din ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[29] A fol 436.

Illi l-appellant ihossu wkoll aggravat mill-mod kif l-ewwel Qorti ippronunzjat ruhha fir-rigward tal-mobbli stante li hu jsostni li dawn inxtraw minnu qabel iz-zwieg. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-attrici tat-22 ta' Marzu 2004[30] fejn mistoqsija fuq l-affarijiet li xtara l-appellant qabel iz-zwieg hija kkonfermat li l-appellant kien hareg €23,293.73 (Lm10,000) biex inxtrat xi ghamara u xi spejjez ohra fil-post. Illi ghalhekk l-ilment tal-appellant huwa wiehed gustifikat fic-cirkostanzi. Billi l-attrici se tibqa' tghix fil-fond matrimonjali stante li hija kellha kirja parafernali, din il-Qorti thoss li ma jkunx ghaqli li tordna li l-istess mobbli jigu assenjati lill-appellant. Ghaldaqstant stante li l-imsemmi ammont talm10,000 kienu flus tal-appellant qabel iz-zwieg, huwa ghandu kreditu kontra l-kommunjoni fl-istess ammont kif gia` nghad.

<u>Proprjeta` Parafernali</u>

Illi fir-rigward tal-aggravju ghar-rimborz ta' Lm10,000 din il-Qorti taghmel referenza ghall-ahhar paragrafu fis-subtitolu Kommunjoni tal-Akkwisti.

L-appellant qieghed jippretendi wkoll is-somma ta' Lm800 li skont hu, ircieva minghand missieru biex inxtraw il-fondi minn fejn illum jiggestixxi n-negozju tieghu u ghalhekk qieghed jippretendi li jigi rimborzat dan l-ammont. Illi madankollu din il-Qorti tosserva illi dak allegat mill-appellant ma gie bl-ebda mod ippruvat u inoltre fil-kuntratt m'hemm xejn li jindika li dan seta' kien il-kaz.

Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

Illi l-appellant hassu aggravat ukoll bil-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li hu johrog mill-fond matrimonjali fi zmien sitt xhur flimkien ma' wlied il-partijiet. Huwa jsostni li l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-fatt li kienet l-attrici li abbandunat id-dar matrimonjali u li issa ilha ghal hafna snin tghix ma' ohtha.

---

[30] A fol. 317.

Din il-Qorti, tapprezza li tali decizjoni tista' ggib "hardship" ghall-appellant li se jkollu mieghu lit-tifel minuri u possibilment anke l-ulied l-ohra, izda tirrileva illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-istess appellant, l-attrici ma abbandunatx id-dar kapriccozament izda ghaliex huwa wassalha sal-limitu li ma setghetx tissaporti iktar f'dak l-ambjent. Ghalhekk din il-Qorti ssib li fic-cirkostanzi tali "abbandun" huwa gustifikat.

Inoltre stante li l-kirja tad-dar matrimonjali hija wahda parafernali tal-attrici, hija ghandha kull dritt terga' tirritorna esklussivament f'darha. Il-fatt li ohtha hadet pacenzja biha ghal dawn is-snin kollha billi offritilha kenn ma jfissirx li l-attrici ghandha tibqa' tghix f'dan l-istat ghal ghomorha tenut kont tar-responsabbilta` li kellu l-appellant ghat-tifrik taz-zwieg. Fic-cirkostanzi pero` din il-Qorti hi tal-fehma li t-terminu ghandu jigi estiz ghal <u>sena</u> sabiex l-appellant jivvaka mill-imsemmi fond.

<u>Manteniment</u>

Illi l-appellant hassu aggravat illi l-ewwel Qorti akkordat manteniment ta' €186.35c lill-attrici meta dan ma giex mitlub mill-attrici fit-talbiet taghha. Dwar il-manteniment tal-minuri ma hemm ebda aggravju.

Illi in vista ta' dan l-aggravju l-appellata pprezentat rikors sabiex tigi inkluza tali talba, liema rikors gie michud permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Mejju 2010[31].

Illi l-appellant isostni li l-Qorti fid-determinazzjoni tal-kawza ghandha toqghod strettament *ai termini* tal-kawzali u f'dan is-sens jikkwota xi sentenzi. Da parti taghha l-appellata tishaq illi mill-bidu ta' dawn il-proceduri dejjem kien hemm provvediment dwar il-manteniment[32] u anke kien hemm kontestazzjoni akkanita dwar l-ammont tieghu da parti tal-appellant u fil-fatt il-manteniment kien jithallas milll-appellant.

[31] A fol 16 tal-atti tal-appell.
[32] A fol 10 et seq.

Illi din il-Qorti, filwaqt li taqbel mal-principju illi gudikant ma jistax jiddeciedi fuq materji li dwarha ma tirrizultax talba fic-citazzjoni, tirrileva illi din hija kawza ta' separazzjoni personali u li fejn jirrigwarda manteniment hemm artikoli ben precizi li jirregolaw l-ghoti tieghu. Illi ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kull konjugi ghandu l-obbligu reciproku tal-manteniment. Illi dan l-obbligu tal-manteniment reciproku ma jintemmx bis-separazzjoni personali, hlief bhala konsegwenza ta' dak li hemm imsemmi fl-Artikolu 48 sub-artikolu (1) sub-inciz (d) tal-Kap. 16.

Illi fil-kaz in ezami ir-responsabbilta` tas-separazzjoni personali giet addebitata lill-appellant u ghaldaqstant hu ddekada mid-dritt tieghu li jinghata manteniment minghand l-attrici. Pero` l-attrici, anke jekk m'hemm l-ebda talba f'dan is-sens, xorta ghad baqghalha d-dritt li tircievi tali manteniment minghand l-appellant, liema dritt huwa konsegwenzjali ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bi htija tal-konjugi l-iehor. Similment, din il-Qorti fil-kawza **Tabone v. Tabone** Citazjoni Numru 1227/94 deciza fil-15 ta' Dicembru 1997 kienet iddecidiet fil-kaz ta' manteniment ta' minuri nonostante li ma kien hemm l-ebda talba *ad hoc* fl-att tac-citazzjoni, xorta wahda kellha s-setgha li tipprovdi ghall-manteniment tal-minuri billi dan kien johrog minn interpretazzjoni liberali tal-Artikolu 56 (3) tal-Kodici Civili, li jiddisponi li:- "Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, sakemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret ebda talba dwar il-kustodja tal-ulied".

Il-manteniment jinghata skont il-mezzi u l-hiliet tal-partijiet. L-appellant isostni li l-attrici tahdem f'bar li huha ghandu gewwa Marsaskala. In sostenn ta' dan huwa pproduca bhala xhud habib tieghu u rapport ta' investigatur privat. L-attrici cahdet dan u qalet li hi tmur fil-bar ta' huha biex idderri ftit ghax kienet tkun waheda fil-*weekend*.

Illi l-attrici ghamlet zmien twil tahdem u ghalkemm hija tghid li prezentement ma tistax tahdem minhabba kundizzjoni medika, din il-Qorti mhix sodisfatta li hi ma tistax tiggenera xi tip ta' introjtu ghaliha. Dan iktar u iktar

fid-dawl tal-fatt illi l-minuri Wayne Bugeja se jibqa' jghix mal-missier u ghalhekk certament ghandha kull possibbilta` li tahdem fil-hinijiet li trid hi. Pero` anke jekk ikun il-kaz kif ravvizat mill-ewwel Qorti li l-istess minuri jmur jghix ghandha, hija xorta se jkollha kull possibbilta` li tmur tahdem stante li l-minuri msemmi llum ghandu hmistax (15)-il sena.

Illi mill-atti ma jirrizultax kemm l-appellant qieghed attwalment jaqla' min-negozju tieghu stante li l-*income tax returns*[33] esebiti jmorru lura diversi snin. Ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tibbaza ruhha fuq dawn il-figuri li minnhom jirrizulta li l-appellant jaqla' medja ta' €9,783.37 (Lm4,200) fis-sena.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti sejra tirrevedi l-ammont ta' manteniment likwidat mill-ewwel Qorti favur l-attrici billi tordna lill-konvenut ihallasha is-somma ta' <u>mija u ghoxrin ewro (€120) fix-xahar</u> bil-quddiem fl-ewwel ta' kull xahar, liema somma tizdied kull sena skont l-gholi tal-hajja kif indikat fl-indici ufficjali tal-Gvern.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

1. Tikkonfermaha in kwantu laqghet l-ewwel talba u ppronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;

2. Tikkonfermaha in kwantu laqghet it-tieni talba fis-sens li z-zewg partijiet ikollhom il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Wayne Bugeja b'dan illi l-istess jibqa' jghix mal-missier b'access liberu favur l-omm;

3. Tvarja s-sitt talba fit-termini fuq stabbiliti fis-sezzjoni intestata "Kommunjoni tal-Akkwisti";

---

[33] Introjtu ta' erba' snin skond kif dokumentat mill-Income Tax Returns esebiti ghas-snin 2000, 2001, 2002 u 2003 u cioe` (Lm4261.26 + Lm3980.27 + Lm3865.73 + Lm4747=Lm16,854.26/4 =Lm4213.56). fol. 424-433.

4. Tvarjaha fir-rigward tal-oggetti parafernali fit-termini fuq stabbiliti fis-sezzjoni intestata “Proprjeta` Parafernali”;

5. Tvarja l-ghoti ta’ manteniment favur l-attrici fit-termini fuq stabbiliti fis-sezzjoni intestata “Manteniment”;

6. Tvarjaha in kwantu tikkonferma illi l-konvenut ghandu jivvaka mill-fond Blokk 2, Flat 4, St. John’s Street, Valletta pero` dan fi zmien sena mil-lum.

Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) filwaqt li dawk ta’ dan l-appell jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenut appellant u terz ($^1/_3$) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------